8

28 ta' Dicembru 2020

**Tribunal ta' Revizjoni**
**tal-Ambjent u l-Ippjanar**
**Floriana**

| | |
|---|---|
| *Nru. ta' l-Applikazzjoni:* | *PA/2300/17* |
| *Lokazzjoni:* | *3, Trejqet l-Arznu, Naxxar* |
| *Proposta:* | To sanction pre 1994 buildings |
| *Ref. Taghna:* | |
| *Ref. Tribunal:* | |

**Josephine Bonavia**

**vs**

**L-Awtorita' ta' l-Ippjanar**

L-Appellanti Josephine Bonavia tesponi bir-rispett:-

I) Illi fis-sena 2017, giet sottomessa din l-applikazzjoni, liema applikazzjoni ggib in-numru PA 2300/17.

II) Illi permezz ta' decizjoni mehuda mill-Kummissjoni dwar l-Ippjanar (PC) u ppublikata fit- 2 ta' Dicembru 2020, l-istess Kummissjoni irrifjutat l-applikazzjoni.

Bid-dovut rispett, l-appellanti ihoss ruhu aggravat minn din id-decizjoni, u ghaldaqstant qieghed jissottometti dan l-appell quddiem it-Tribunal ghar-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar (it-Tribunal).

Flimkien ma' din is-sottomissjoni qed jigu annessi:-

- Kopja tad-decizjoni ta' l-Awtorita li qed tigi appellata (Dok JA1).

- L-Ircevuta tal-hlas tad-dritt ta' l-appell (Dok JA2).

L-appellanti jissottometti ghal kunsiderazzjoni tat-Tribunal dan li gej;

1.1 Illi l-Awtorita naqset li tikkunsidra fatti materjali u cirkostanzi partikolari tas-sit mertu tal-kaz odjern, u dan partikolarjament kif l-istess sit huwa imdawwar minn bini u zvilupp madwaru.

1.2 Illi certament li l-Awtorita kienet obbligata li tqis kull cirkostanza li jista jkollha effett fl-applikazzjoni de quo u tiddeciedi l-istess anke a bazi ta' tali konsidreazzjonijiet. Dan skont dak provdut fl-artikolu 72 tal-Kap. 552.

1.3 Illi l-istess decizjoni hija daqstant nula stante li tirreferi ghall- "Draft Maghtab Planning Strategy Area Policy" li skont l-istess decizjoni kienet ghada pendenti u ghaldaqstant l-applikazzjoni kienet prematura. Illi dan mhux il-kaz stante li l-istess Area Policy kienet approvata u l-istess applikazzjoni kellha tigi deciza a bazi ta' l-istess Area Policy, skont liema, l-izvilupp propost huwa zvilupp accettabbli.

Ghaldaqstant, l-appellanti qed jitlobu li l-*files* li ssir referenza ghalihom fil-process ta' l-applikazzjoni odjern jigu vverifikati mit-Tribunal u dan billi l-Awtorita' ghandha tigi mitluba sabiex tipprezenta l-*files* msemmija minnu lit-Tribunal, u in segwitu ta' dan l-istess Tribunal ghandu jhassar id-decizjoni ta'rifjut mehuda mill-PC fil-kaz odjern, u tenut kont ta' dak sottomess u li ghad jrid jigi sottomess, jiddeciedi l-applikkazzjoni billi, jilqa it-talba ta' l-appellanti u jhassar id-decizjoni tal-Awtorita u jordna illi jinhareg il-permess relattiv, u dana taht, u minnghajr pregudizzju ghal kull decizjoni jew provvediment iehor li joghgbu jiehu dan it-Tribunal.

Elenku tax-xiedha:

1. Id-Direttur ta' l-Ippjanar sabiex jixhed fuq il-posizzjoni tad-Direttorat u fatti ohra.

Bir-Rispett,

**Av. Ian J. Stafrace**
**9/4 Britannia House**
**Old Bakery Street**
**Valletta**